22001A0505(01)

L 125/2 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 5.5.2001

# FTEHIM
## bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja dwar l-attivitajiet tal-Missjoni tal-Monitoraġġ ta’ l-Unjoni Ewropea (EUMM) fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja

L-UNJONI EWROPEA,

min-naha l-wahda

u

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-JUGOSLAVJA,

minn issa ’l quddiem imsejha

l-Pajjiż Ospitanti, min-naħa l-oħra,

Flimkien minn issa ’l quddiem imsejhin l-Partijiet Parteċipanti,

WARA LI QIESU

— il-preżenza tal-Missjoni tal-Monitoraġġ tal-Komunità Ewropea (ECMM) fil-Balkani tal-punent sa mis-sena 1991,

— l-offerta ta’ l-Unjoni Ewropea u ta’ l-Istati Membri tagħha sabiex jorganizzaw Missjoni tal-Monitoraġġ ta’ l-Unjoni Ewropea (EUMM) fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-aċċettazzjoni ta’ din l-offerta mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja,

— l-adozzjoni mill-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea fit-22 ta Diċembru 2000 ta’ l-Azzjoni Konġunta 2000/811/CFSP dwar il-Missjoni tal-Monitoraġġ ta’ l-Unjoni Ewropea, li tittrasforma l-ECMM fi EUMM, bħala strument tal-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni ta’ l-Unjoni Ewropea (CFSP), li tibni fuq l-inizjattivi ta’ qabel, sabiex tikkontribwixxi għall-formolazzjoni effettiva tal-politika ta’ l-Unjoni Ewropea rigward il-Balkani tal-punent,

WASLU BIEX JIFTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu I*

**Il-Mandat**

1. Il-Missjoni tal-Monitoraġġ ta’ l-Unjoni Ewropea, minn issa ’l quddiem imsejha “l-EUMM”, qabel stabbilita fir-reġjun bħala l-Missjoni tal-Monitoraġġ tal-Komunità Ewropea (ECMM), bil-kwartieri ġenerali tagħha fil-preżent f’Sarajevo, għandha tistabbilixxi uffiċċju tal-missjoni f’Belgrad u uffiċji oħra minn dawn fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja skond kif jista’ jiġi deċiż mill-Kap tal-Missjoni, f’konsultazzjoni u bi ftehim mal-Pajjiż Ospitanti, sabiex jikkontribixxu għall-formolazzjoni effettiva tal-politika ta’ l-Unjoni Ewropea rigward il-Balkani tal-punent.

Il-EUMM għandha b’mod partikolari:

(a) timmonitorja l-iżviluppi politiċi u tas-sigurtà fiż-żona taħt ir-responsabbiltà tagħha;

(b) tagħti attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ tal-fruntieri, il-kwistjonijiet ta’ bejn ir-razez u tar-ritorn tar-rifuġjati;

(ċ) tipprovdi rapporti analitiċi fuq il-bażi tax-xogħol tal-kompiti rċevuti;

(d) tikkontribwixxi għat-twissija bikrija tal-Kunsill u għall-bini tal-fiduċja, fil-kuntest ta’ l-istabbilizzazzjoni tal-politika kondotta mill-Unjoni Ewropea fir-reġjun.

2. Il-Parti Ospitanti għandha tipprovdi lill-EUMM bit-tagħrif kollu u għandha testendi l-koperazzjoni shiha kif meħtieġa sabiex twettaq l-għanijiet ta’ l-EUMM. Il-Parti Ospitanti tista’ taħtar uffiċjal tal-kuntatt ma’ l-EUMM.

*Artikolu II*

**L-Istatus**

1. Il-Pajjiż Ospitanti għandu jieħu l-miżuri kollha għall-protezzjoni, is-salvagward u s-sigurtà ta’ l-EUMM u tal-membri tagħha. Kull disposizzjoni speċifika, proposta mill-Pajjiż Ospitanti, għadha tiġi miftiehma mal-Kap tal-Missjoni qabel ma tiġi implimentata.

2. Bil-għan li jmexxu l-attivitajiet ta’ l-EUMM, l-EUMM u l-personal tagħha, flimkien mal-mezzi tagħha tat-ttasport u t-tagħmir, għandhom igawdu l-libertà tal-moviment, meħtieġ sabiex iwettqu l-mandat tal-Missjoni.

3. Meta jkunu qegħdin imexxu l-attivitajiet ta’ l-EUMM, il-personal ta’ l-EUMM jista’ jkun akkumpanjat minn interpretu u, fuq it-talba ta’ l-EUMM, minn fizzjal ta’ l-iskorta maħtur mill-Parti Osptanti.

4. Il-EUMM tista’ tesibixxi l-bandiera ta’ l-Unjoni Ewropea fl-uffiċċju tal-Missjoni tagħha fb’Belgrad, inkella kif deċiż mill-Kap tal-Missjoni.

5. Il-vetturi u l-mezzi l-oħra tat-trasport ta’ l-EUMM għandhom iġorru identifikazzjoni distintiva tal-Missjoni, li għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet rilevanti.

*Artikolu III*

**Il-Kompożizzjoni**

1. Il-Kap tal-Missjoni ta’ l-EUMM għandu jinħatar mill-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea.

2. Il-personal l-ieħor ta' l-EUMM għandu jiġi ssekondat mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Għandhom jiġu assenjati ħatriet speċifiċi mill-Kap tal-Missjoni bl-awtorità tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli. In-Norveġja u s-Slovakkja, li jkunu qegħdin jipparteċipaw fl-EUMM fi żmien dan il-Ftehim, jistgħu jaħtru personal għall-EUMM ukoll, u b'hekk ikunu Partijiet Trasmettituri flimkien ma' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

3. Il-personal ta' l-EUMM għandhom jissejħu monituri.

4. Il-Gvernijiet tal-Partijiet Trasmettituri għandhom jaħtru l-monituri għall-EUMM.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jistabbilixxi n-numru tal-monituri skond dan il-Ftehim, f'konsultazzjoni u bi qbil mal-Parti Ospitanti.

6. Il-monituri ma għandhom jidħlu għall-ebda azzjoni jew attività inkompatibbli man-natura imparzjali tad-dmirijiet tagħhom.

7. Il-EUMM tista' tieħu l-opportunità ta' l-għajnuna tal-personal amministrattiv u tekniku mill-Partijiet Trasmettituri. Il-membri tal-personal amministrattiv u tekniku ta' l-EUMM għandhom igawdu status ekwivalenti għal dak gawdut skond il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi, mill-personal amministrattiv u tekniku tal-Partijiet Trasmettituri impjegati fl-ambaxxati.

8. Il-EUMM tista' tirrekluta lokalment dak il-personal awżiljarju, skond kif teħtieġ. Fuq it-talba tal-Kap tal-Missjoni, il-Parti Ospitanti għandha tiffaċilita r-reklutaġġ mill-EUMM tal-personal lokali kkwalifikat. Il-personal awżiljarju ta' l-EUMM għandu jgawdi status ekwivalenti għal dak gawdut, skond il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi, mill-personal impjegat lokalment fl-ambaxxati.

*Artikolu IV*

## L-Armi u l-Ilbies

1. Il-monituri ma jistgħux iġorru armi.

2. Il-monituri għandhom jilbsu lbies ċivili, bl-identifikazzjoni dinstintiva ta' l-EUMM.

*Artikolu V*

## Il-Katina tar-responsabbiltajiet

1. Il-EUMM fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja għandha topera taħt ir-responsabbiltà tal-Kap tal-Missjoni.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrapporta b'mod regolari permezz tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-attivitajiet u s-sejbiet ta' l-EUMM.

3. Il-kompiti ta' l-EUMM għandhom jiġu ddefiniti mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli f'koperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza, skond il-politika adottata mill-Kunsill li tirrigwarda l-Balkani tal-Punent.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jgħarraf lill-Parti Ospitanti b'mod regolari dwar l-attivitajiet ta' l-EUMM.

*Artikolu VI*

## Il-Vjaġġi u t-trasport

1. Il-vetturi u l-mezzi l-oħra tat-trasport ta' l-EUMM ma għandhomx ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni jew il-liċenzji obbligatorji, u l-vetturi kollha għandu jkollhom l-assigurazzjoni tal-partijiet terzi.

2. Il-EUMM tista' tuża t-toroq, il-pontijiet, il-kanali u ibħra oħra, il-faċilitajiet tal-portijiet u l-ajrudromi mingħajr il-ħlas ta' drittijiet, taxxi jew piżijiet oħra.

3. Il-Parti Ospitanti għandha tiffaċilita lill-EUMM fit-tħaddim tal-vetturi u l-mezzi tat-trasport tagħha nfisha.

*Artikolu VII*

## Il-Komunikazzjonijiet

1. Il-personal ta' l-EUMM għandu jkollu aċċess, bl-inqas spejjeż, għat-tagħmir approprjat tat-telekomunikazjonijiet tal-Parti Ospitanti għall-għan ta' l-attivitajiet tagħha, inkluż sabiex tikkomunika mar-rappreżentanti diplomatiċi u konsulari tal-Partijiet Trasmettituri.

2. Il-EUMM għandha tgawdi d-dritt għall-komunikazzjoni mingħajr restrizzjonijiet bir-radjijiet tagħha nfisha (inklużi s-satelliti u r-radjijiet mobbli ta' l-idejn), bit-telefon u bit-telegrafu, bil-*facsimile* u kull mezz ieħor. Wara l-firma ta' dan il-Ftehim, il-Parti Ospitanti għandha tippovdi l-frekwenzi li fuqhom ikunu jistgħu jaħdmu r-radjijiet.

*Artikolu VIII*

## Privileġġi u immunitajiet

1. Il-EUMM għandha tingħata l-istatus ta' missjoni diplomatika.

2. Matul il-missjoni tagħhom, il-monituri għandhom jingħataw il-privileġġi u l-immunitajiet ta' aġenti diplomatiċi, skond il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi.

3. L-Uffiċċju tal-Missjoni f'Belgrad, l-uffiċċji l-oħra, u l-mezzi kollha tat-trasport ta' l-EUMM għandhom ikunu invjolabbli.

4. Il-privileġġi u l-immunitajiet ipprovvduti f'dan l-Artikolu għandhom jingħataw lill-monituri matul il-missjoni tagħhom, u wara, rigward l-atti mwettqa qabel matul il-missjoni tagħhom.

5. Il-Parti Ospitanti għandha tiffaċilita l-movimenti kollha tal-Kap tal-Missjoni u tal-personal ta' l-EUMM. Il-EUMM għandha tipprovdi lill-Parti Ospitanti lista tal-membri ta' l-EUMM u tgħarraf lill-Parti Ospitanti bil-quddiem dwar il-wasla u t-tluq tal-personal li jappartjieni għall-EUMM. Il-personal li jappartjieni għall-EUMM għandu jġorr il-passaport nazzjonali tiegħu, kif ukoll karta ta' l-identità ta' l-EUMM.

6. Il-Parti Ospitanti tirrikonoxxi d-dritt tal-Partijiet Trasmettituri u ta' l-EUMM li jimportaw, mingħajr dazji jew restrizzjonijiet oħra, it-tagħmir, il-provvedimenti, il-provvisti u l-oġġetti l-oħra meħtieġa għall-użu esklussiv u uffiċjali ta' l-EUMM. Il-Parti Ospitanti tirrikonoxxi wkoll id-dritt tagħhom li jixtru dawk l-oġġetti fit-territorju tal-Parti Ospitanti kif ukoll li jesportaw u jew jiddisponu xorta oħra minn dan it-tagħmir, provvedimenti, provvisti u oġġetti oħra hekk mixtrija jew importati. Il-Parti Ospitanti tirrikonoxxi wkoll id-dritt tal-Monituri li jixtru u/jew jimportaw mingħajr dazji jew restrizzjonijiet oħra l-oġġetti meħtieġa għall-użu personali tagħhom, u li jesportaw dawn l-oġġetti.

*Artikolu IX*

**L-Akkommodazzjoni u arranġamenti prattiċi**

Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja jaqbel, jekk mitlub, li jgħin lill-EUMM issib uffiċċji u akkommodazzjoni xierqa. Il-Partijiet Parteċipanti jridu jiddeċiedu dwar disposizzjonijiet oħra li jirrigwardaw il-privileġġi u l-immunitajiet kif ukoll dwar arranġamenti prattiċi, inklużi l-assistenza medika urġenti u l-evakwazzjoni ta' emerġenza, kif ukoll il-ħtiġiet tad-dokumentazzjoni tal-vjaġġar.

*Artikolu X*

**Dħul fis-seħħ**

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ malli jkun iffirmat. Id-disposizzjonijiet tiegħu għandhom jiġu applikati temporanjament mill-Parti Ospitanti lill-EUMM mid-data li fiha jiġi inizjalat sad-dħul fis-seħħ tiegħu malli jkun iffirmat. Għandu jissokta fis-seħħ sa dak iż-żmien li waħda mill-Partijiet Parteċipanti tinnotifika lill-oħra, xahrejn bil-quddiem, li beħsiebha titlob it-tmiem ta' l-attivitajiet imsemmija fih. Dan il-Ftehim għandu jieħu l-post tal-Memorandum ta' Fehim tat-13 ta' Lulju 1991.

Magħmul f'Belgrad, il-25 ta' April 2001, fil-lsien Ingliż, f'erba' kopji.

*Għall-Unjoni Ewropea*



*Għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja*

